MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Numru 1/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**O. M. *et al***

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment wara rikors maghmul mill-Avukat Generali a tenur tal-Artikolu 574A(9) tal-Kodici Kriminali li permezz tieghu huwa qed jitlob li din il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imputati kollha, liema imputati kienu gew mehlusa mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b'digriet tat-18 ta' Novembru, 2004. Dik il-Qorti ordnat tali helsien mill-arrest ghax irriteniet li l-arrest taghhom ma kienx wiehed validu.

Jirrisulta bhala fatt li l-imputati kienu ilhom diversi granet, jekk mhux gimghat, jigu investigati dwar diversi reati – kollha reati li jgorru l-piena ta' prigunerija – u li matul tali

investigazzjoni huma f'ebda hin ma gew arrestati. Fit-18 ta' Novembru, 2004, izda, meta l-Ufficjal tal-Pulizija li kien qed jikkonduci l-investigazzjonijiet – l-Ispettur Anthony Cassar – deherlu li kellu provi bizzejjed biex iressaq lill-istess imputati quddiem il-Qorti sabiex tibda l-investigazzjoni gudizzjarja permezz tal-procedura ta' l-Istruttorja, huwa baghat ghall-imputati biex dawna jmorru l-Ghassa ta' Haz-Zabbar fil-11.00 a.m. Huwa ressaqhom taht arrest quddiem il-Qorti Istruttorja kmieni wara nofs in-nhar ta' dik l-istess gurnata ghall-habta tas-2.00 p.m.

Il-Qorti Istruttorja, appena l-imputati gew prezentati quddiemha, wara li semghet lill-ufficjal prosekutur – l-imsemmi Spettur Cassar – jixhed, ipprovdiet hekk:

**Il-Qorti semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament jiggustifika ghaliex l-akkuzati gew imressqa b'arrest wara li kkunsidrat li dawn l-investigazzjonijiet ilhom ghaddejjin almenu tlett gimghat, ikkonsidrat li l-istqarrijiet lilha murija jirrisalu almenu ghal 30/10/04 jirrizulta wkoll illi mill-bidu ta' l-investigazzjoni sal-lum ghaddew diversi jiem fejn l-istess akkuzati setghu kellmu l-allegati vittmi anke li huma mitluba jmorru l-ufficju ta' l-Ufficjal Prosekutur illum fil-11.00 a.m. hekk ghamlu minn jeddhom, ma tqisx l-arrest validu.**

L-Avukat Generali jikkontendi li din id-decizjoni hija wahda zbaljata peress li, skond hu, l-arrest ta' l-imputati kien imsejjes, ghall-finijiet tas-subartikolu (6) tal-Artikolu 574A tal-Kodici Kriminali, fuq l-Artikolu 355AD(2) ta' l-istess Kodici, u li konsegwentement il-Qorti Inferjuri ma setghetx tiddikjara l-arrest bhala wiehed mhux validu u tordna r-rilaxx taht l-imsemmi subartikolu (6). Mill-banda taghhom l-intimati jikkontendu li f'dan il-kaz ma japplikax l-imsemmi Artikolu 355AD(2) ghax huma kienu gew mitluba biex imorru l-Ghassa ta' Haz-Zabbar proprju biex l-Ispettur ikun jista' jressaqhom il-Qorti, kif ukoll peress li ma jirrizultax li gew osservati l-kundizzjonijiet kollha tal-imsemmi subartikolu (2) tal-Artikolu 355AD.

Din il-Qorti, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, u wara li ezaminat l-atti kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti

tal-ligi, hi tal-fehma li r-ragunijiet moghtija mill-Qorti Istruttorja ghar-rilaxx ta' l-imputati ma kienux ragunijiet li setghu jiggustifikaw tali rilaxx. Spettur tal-Pulizija, bis-sahha tal-Artikolu 355AD(2) tal-Kodici Kriminali, ghandu s-setgha li, meta jibghat ghal xi hadd (li ma jkunx bil-*police bail*) u dak ix-xihadd jigi volontarjament fil-Ghassa tal-Pulizija (anke jekk ikun jaf li sejjer jitressaq il-Qorti) jarrestah proprju biex iressqu l-Qorti taht arrest, irrispettivament minn kemm ikunu ilhom ghaddejin l-investigazzjonijiet -- basta, naturalment, li l-Ispettur ikollu suspett ragonevoli li l-persuna hekk arrestata tkun ikkommetiet reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. Fil-kaz odjern ma hemmx dubbju li hemm dan is-suspett ragonevoli, kif ukoll ma hemmx dubbju li r-reati li qed jigu addebitati lill-imputati – intimati fil-proceduri tal-lum – huma reati li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija. L-anqas jista' jigi objettat – ghalkemm dan il-punt lanqas jidher li gie vventilat quddiem il-Qorti Istruttorja – li l-Ispettur ma infurmax lill-persuni li hekk "arresta" fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar li huma kienu qed jigu arrestati: galadarba huma kienu jafu li kienu ser jitressqu l-qorti (u kjarament ma kienux ircevew citazzjoni biex jidhru l-Qorti) hu evidenti li huma kienu qed jigu mgharrfa bl-arrest taghhom appena dawn ma thallewx jitilqu mill-istess Ghassa – wiehed jista' f'dan il-kaz kwazi jitkellem dwar "pre-avviz" ta' arrest (ghalkemm din il-Qorti zzid ukoll li jkun dejjem aktar prudenti ghall-Ispettur li jkun qed jarresta in virtu' tas-setgha moghtija bl-Artikolu 355AD(2) biex iressaq lil dak li jkun il-Qorti, li jintima *expressis verbis* lill-persuna arrestata li hija tkun qed tigi arrestata, u dan sabiex ma jinqalghux problemi). Il-hin tal-arrest jirrizulta mill-atti li kien il-11.00 ta' filghodu, u f'dan il-kaz il-Magistrat Istruttur gie infurmat bl-arrest fis-2.00 p.m. (meta saret il-prezentata) – l-avviz, f'dan il-kaz, kien "immedjat" bizzejjed ghall-finijiet tas-subartikolu (2) in dizamina – ghalkemm hawn ukoll din il-Qorti tosserva li kieku ghadda aktar zmien minghajr ma gie infurmat ossia avzat Magistrat kien ikun hemm certament problemi bil-legalità ta' l-arrest.

Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali, tordna r-riarrest tal-intimati kollha (imputati quddiem il-

Qorti Istruttorja), salv u impregudikat id-dritt taghhom li jitolbu l-helsien mill-arrest taht is-subartikolu (7) ta’ l-Artikolu 574A, u tordna li kopja ta’ dan il-provvediment jigi inserit mir-Registratur fl-atti ta’ l-Istruttorja relattiva.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------